V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší soud České republiky (ir-Repubblika Ċeka) fis-16 ta' Settembru 2016 – proċeduri kriminali kontra Juraj Sokáč

**(Kawża C-497/16)**

(2017/C 022/02)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší soud České republiky

**Parti fil-kawża prinċipali**

Juraj Sokáč

**Domanda preliminari**

1) Il-prodotti mediċinali, kif iddefiniti mid-Direttiva 2001/83/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li fihom "sustanzi skedati" fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 273/2004 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistgħu jiġu kkunsidrati, fuq il-bażi tal-Artikolu 2(a) ta' dan ir-regolament, li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu hekk kif deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawżi magħquda C-627/13 u C-14/02 [sentenza tal-5 ta' Frar 2015, M. *et*, C-627/13 u C-2/14, EU:C:2015:59], anki wara li t-test tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq kien ġie emendat bir-Regolament Nru 1258/2013 ([3]) u fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 2(a) tar-Regolament Nru 111/2005 ([4]), kif emendat bir-Regolament Nru 1259/2013 ([5]), jissuġġetta l-mediċini li fihom l-efedrina u l-psewdoefedrina għas-sistema tar-Regolament Nru 111/2005?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 46.
([3]) ĠU L 330, p. 21.
([4]) ĠU 2008, L 333M, p. 472.
([5]) ĠU L 330, p. 30.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fis-16 ta' Settembru 2016 – AZ vs Minister Finansów

**(Kawża C-499/16)**

(2017/C 022/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*L-appellanti fil-kassazzjoni:* AZ

*Il-parti l-oħra fil-proċedura ta' kassazzjoni:* Minister Finansów